MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2512/2003

**Untours Insurance Agents Ltd (C 5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Peter P Barbara u l-istess Peter Barbara (ID 94867M)**

**vs**

**Antoine Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta Dicembru tas-sena 2003 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident stradali li sehh is-Swieqi fit-28 ta' Gunju 2003 bejn Toyota Hilux numru ABI 802 misjuqa mill-konvenut u Citroen numru EBC 307 misjuqa mill-attur u kwindi tikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni is-somma ta' mitjen u tnejn u disghin lira Maltija u hamsa u disghin centemzu (Lm292.95) lis-socjeta attrici u (hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) lill-attur Barbara;

Bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' konsult, dawk tal-ittra ufficjali ta' llum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-26 ta' Jannar, 2005, fejn ikkontesta it-talba ghal hlas stante li huwa ma kien jahti xejn ghall-istess incident peress li kien l-istess sewwieq Peter Barbara li ghandu jigi tenut responsabbli ghall-habta u kwindi l-konvenut ma ghandu jaghmel tajjeb ghal ebda danni;

Il-konvenut ikkontesta wkoll il-kwantum tad-danni rikjesti mill-atturi;

Ra x-xhieda prodotti b'mod partikolari dawk moghtija miz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident in kwistjoni. Ra d-dokumenti esebiti mal-avviz li jikkoncernaw l-ircevuti u s-survey report u ra ukoll iz-zewg rapporti dwar l-incident prezentati miz-zewg sewwieqa rispettivament;

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz in ezami, it-Tribunal jinsab affaccjat b'zewg verzjonijet ghal kollox differenti u kontrastanti dwar kif sehh l-incident in kwistjoni u cioe mhux qed jaqblu bejniethom fuq kif wasal il-mument tal-impatt. Mentri l-attur Barbara qed ighid li kien il-konvenut li rriversja ghal fuqu, ta l-ahhar isostni li kien l-attur li dahal go fih fuq wara. Anke ir-rapporti esebiti miz-zewg sewwieqa ma tantx jitfghu aktar dawl fuq l-istess u dana peress li z-zewg dokumenti esebiti (Dok PB 1 u Dok AM 1). Filwaqt li f'Dok PB1 esebit mill-attur hemm immarkat biss il-kaxxa numru sebgha (7) u kwindi tfisser li kien il-konvenut li rriversja go fih, f'Dok AM1 esebita mill-konvenut hemm ittikkjata l-kaxxa numru wiehed (1) u kwindi tfisser li ta' wara habat ma' ta' quddiemu. Ghalkemm hadd minnhom ma spjega c-crieki madwar in-numru sebgha (7) fuq Dok AM1 pero hemm indikat fl-istess dokument illi kien hemm biss kaxxa wahda li giet immarkata u cioe dik numru 1 u mhux numri 7 ukoll. Illi ghalhekk anke iz-zewg rapporti huma kontrastanti.

Illi mill-ezami taz-zewg verzjonijiet moghtija dan it-Tribunal, li huwa midhla ta l-inhawi fejn sehh l-incident, huwa tal-opinjoni pero li l-verzjoni moghtija mill-konvenut hija aktar verosimili minn dik tal-attur Barbara. Dan ta' l-ahhar ighid li l-konvenut ghamel il-manuvra biex jirriversja il-ghaliex "*ma setax jipparkja minhabba li t-triq hija pjuttost dejqa, hu rriversja lura sabiex ikun jista' jiehu l-kurvatura".* It-Tribunal jinnota li ma hux verosimili li l-konvenut xtaq jipparkja f'dawk l-inhawi ghas-semplici raguni li assolutament wiehed ma jistax jipparkja fejn kien. Anke jekk l-attur ried ifisser li l-konvenut ma setax ighaddi (u mhux ma setax jipparkja kif inhi traskritta) u ghalhekk irriversja, dan it-Tribunal ihossu bi tqila biex jemmen tali verzjoni alternattiva ukoll peress illi ghalkemm il-bokka taht il-mina hija dejqa, ma hiex pero daqshekk dejqa li vettura pick up bhal dik tal-konvenut jista' jsibha difficli biex idur ghal go fiha minn fejn kien gej.

Ta min josserva ukoll li mentri il-konvenut kien miexi lejn l-istess direzzjoni minn fejn kien gej u cioe kien niezel fuq ix-xellug tat-triq u jibqa' jdur fuq l-istess naha tat-triq, l-attur kellu l-intenzjoni li minn fejn kien niezel huwa ried jaqsam triq principali minn fejn kien ghaddej it-traffiku u jmur fuq in-naha l-ohra tat-triq biex jerga' jigi fuq in-naha tax-xelluq halli jipprosegwi lejn Swieqi. Tant hu hekk li mal-habta l-attur gia kien imgenneb lejn il-lemin biex jaqsam it-triq principali. Illi tenut kont ta' din il-manuvra li kien behsiebu jaghmel l-attur Barbara, hija aktar kredibbli l-verzjoni li huwa kien niezel wara l-konvenut bil-mod li semmejna u f'mument minnhom jew ghax il-konvenut "isslowja" biex idur jew addirittura waqaf wara t-traffiku, l-attur baqa' diehel go fih fuq wara in vista tal-fatt li l-attenzjoni tieghu x'aktarx aktar kienet koncentrata fuq kif ser jaqsam l-ewwel parti tat-triq principali u ghalhekk kien qed ihares fuq il-lemin tieghu milli kellu mohhu fuq il-vettura ta' quddiem. Wara kollox huwa kien gia mgenneb lejn il-lemin u ghalhekk ma kellux ghalfejn jaghti wisq kaz ghall-vettura tal-konvenut stante li l-attur kien gia nnota li hu u l-konvenut ma kienux ser imorru l-istess direzzjoni – anzi li kienu ser jipprosegwu fi triqiethom f'direzzjoni opposta ta xulxin.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li dan l-incident kien kawzat minn nuqqas ta' attenzjoni momentaneja da parti ta l-attur li baqa diehel f'ta quddiemu u mhux il-ghaliex il-konvenut ghamel manuvra ta' "reversing";

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jiddikjara li kien l-istess attur Peter Barbara li ghandu jigi meqjus bhala li kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni; kwindi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet ta' l-atturi. Fic-cirkostanzi it-Tribunal jordna li l-ispejjez ta dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------